# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 7 – L-ERBGĦA 27 TA' JANNAR 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku : Ma kienx hemm pubbliku preżenti

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.
Ġew ukoll approvati lista ta' pagamenti.

## 2. ESTIMI GHAS-SENA 2010

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar pogga quddiem il-Kunsill 'draft' ta' l-estimi finanzjarji ghas-sena finanzjarja 2010.

2.2 Huwa ghamel spjegazzjoni dettaljata tan-nefqa rikorrenti kif ukoll l-ammont disponibbli biex il-Kunsill ikun jista jaghmel nefqa kapitali fuq programmi matul is-sena.

2.3 Wara li l-kunsilliera iddiskutew fid-dettal dawn il-proposti, il-Kunsill qabel biex dawn ikunu prezentati fil-laqgha tal-lokalita. Din il-laqgha ghandha tinzamm fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 9 ta' Frar fil-5.30p.m.

## 3. FINANCIAL STATEMENT

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, ipprezenta il-Financial Statement ghas-sena 2009 (1 ta' Marzu 2009 sa 31 ta' Dicembru 2009). Wara spjegazzjoni fid-dettal mis-Segretarju Ezekuttiv u diskussjoni mill-Kunsilliera, dawn gew approvati mill-Kunsill.

## 4. CITRUS FESTIVAL

**4.1** Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris, irringrazzja lill-Kunsilliera kollha b'mod specjali lill-Vici-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ghal hidma taghha biex dan il-festival seta' jinzamm. Huwa qal ukoll li dan il-festival kien success meta wiehed iqis il-participazzjoni li kien hemm kemm mir-residenti kif ukoll minn nies ta' barra ir-rahal.

**4.2** Is-Sindku qal ukoll li huwa gie avvicinat mill-Ufficcju tal-President biex flimkien it-tlett irhula jigifieri Hal Lija, Hal Balzan u H'Attard jigi organizzat Citrus Festival fuq skala nazzjonali. Dan ghandu jinzamm ghal-ahhar ta' Jannar fil-Palazz ta' San Anton.

**4.3** Il-Kunsilliera qablu li ghandhom jiehdu parti f'din l-attivita u qalu li huma lesti biex jaghti is-sehem taghhom biex din l-attivita tkun success.

**4.4** Il-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi flimkien mal-Kunsillier Dr. Marc Sant waqt il-festival tas-citru kienu avvicinati mill-Prim Ministru u dan issugerixxa biex jekk ikun possibli dan il-Festival jinzamm go Villa Francia.

## 5. POLICE PATROL

**5.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris tkellem dwar l-ilmenti li qed ikun hawn mir-residenti dwar storbju u pparkjar bl-addocc matul il-weekends.

5.2 Il-kunsilliera qablu li ghandu jinzamm patrol mill-Pulizija fit-tlett weekends li gejjin. Il-Pulizija ghandu jkun ordnat jissorvelja ic-Centru Rekreattiv u l-Pjazza Trasfigurazzjoni bil-lejl bejn il-Gimgha u S-Sibt u bejn is-Sibt u l-Hadd. Il-hinijiet ghandhom ikunu bejn l-10.00p.m. u 1.00a.m..

**6. LAQGHA MAL-COLLEGE PRINCIPAL**

**6.1** Il-Kunsilliera qablu li ghandha tinzamm laqgha ma' Dr. Fabri li huwa l-Principal tal-Kullegg Santa Theresa. Waqt din il-laqgha ghandhom jigu diskussi diversi 'items' li ghandhom x'jaqsmu ma' l-iskola Annibale Preca li taghmel parti minn dan il-Kullegg.

**6.2** Il-Kunsill ghandu jkun infurmat dwar meta ser ikollu l-opportunita biex jinnomina president tal-Kunsill Skolastiku li jirraprezenta il-Kunsill ta' Hal Lija.

**6.3** Il-Librerija ghandha ukoll tkun suggett ta' diskussjoni waqt din il-laqgha biex ikun jista' jsir 'upgrading' ikkordinat ma' dan il-Kullegg.

7. **MEPA – MERINO STREET**

**7.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris informa lill-Kunsill li waqt il-laqgha tad-DCC li nzammet llum 27 ta' Jannar 2010 u li ghaliha kien hemm prezenti is-Sindku u s-Segretarju flimkien ma' Dr. Chris Balzan kien hemm decizjoni ta' 'refusal' fuq dan is-sit minn dan il-Board.

**7.2** Is-Sindku u l-kunsilliera qablu li ghandhom jinfurmaw lill-pubbliku permess ta' l-istampa dwar din id-decizjoni li hija pass iehor importanti biex il-MEPA tirrifjuta milli tissanzjona kull zvilupp li jkun sar bla permess fl-O.D.Z.

8. **PERFORMANCE BONUS**

**8.1** Il-Kunsilliera qablu unanimament u approvaw il-full performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv u l-haddiema tal-Kunsill.

9. **CORRESPONDENCE – Nr 0031**

**9.1** Il-Kunsilliera tkellmu dwar ittra minghand il-Perit Ruben Sciortino fejn dan kien qed jitlob biex issir estenzjoni ta' bankina quddiem Rocco's Bar, Triq il-Forn, Lija skond pjanta annessa. Il-Kunsill ma' qabilx ma' din it-talba ghar-raguni li f'din iz-zona it-toroq ma jippermettux estensjoni ta' bankina minhabba l-problema tat-traffiku.

**9.2** Minbarra dan fl-istess zona hemm hwienet ohra ta' l-istess tip li ukoll jixtiequ li jkollhom tkabbir tal-bankina quddiem il-hwienet taghhom.

**9.3** Fil-fehma tal-Kunsill mhux possibli li jkun hemm tibdil fil-bankini f'din iz-zona u ghalhekk il-Kunsill irrifjuta it-talba tal-Perit Ruben Sciotino kif imsemmija fl-ittra tieghu tal-21 ta' Jannar 2010.

**9.4** Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 2009 fil-5.00p.m.

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv